# IL-BANDA ĊITTADINA KING'S OWN U L-INNU NAZZJONALI MALTI.




Dun Karm Psaila l-Poeta Nazzjonali Malti biex żgur ikun tagħ l-aqwa kontribut tiegħu b'kitbitu lin-Nazzjon u lill-Poplu Malti kellu jkun hu li fl-1923 kiteb l-Innu Nazzjonali Malti. Wara dan hu kellem lil Dr. Robert Sammut M.D. biex dan jgħamel il-kompożizzjoni mużikali ta' dan l-Innu, dan għamlu biex ikun jista jindaqq minn orkestra.

L-Ewwel darba li ndaqq kien waqt Kunċert organizzat mill-Għaqda Kittieba Maltin, flimkien mall-Malta Union of Teachers. Dan sar nhar it-3 ta' Frar 1923, fit-Teatru Manoel, il-Blet.

Wara dan il-Kunċert l-ebda Banda ma kienet daqqet dan l-Innu waqt Programmi jew xi attivita oħra.

Fl-1936 il-Kumitat tal-Banda Cittadina KING'S OWN deherlu li għandu jibda jingħata ġieh lill-innu Nazzjonali Malti, u fuq kollox lil Poplu u Nazzjon Malti tagħna.

Kien għalhekk li ġie avviċinat Dr. R. Sammut mill-Kumitat biex dan jekk jaqbel jagħtihom l-oriġinal mużikali biex min fuqu jsiru l-arranġamenti mużikali biex ikun jista jindaqq mill-Banda tagħna, dan aċċetta din it-talba tal-Kumitat.

Il-Kumitat żgur ma kellux dubju fuq min jaqa għal din il-biċċa xogħol, u dan talab lil Mro. Vincenzo Ciappara, biex jgħamel il-kompożizzjoni għall-Banda u disgħajn partitura għall-Bandisti tal-Banda.

Peres li kienet waslet il-Festa Nazzjonali tagħna dik ta' l-8 Settembre ta' 1936, il-Kumitat żgur li ma setax isib okkażjoni aktar xieraq minn din il-ġurnata, dan kien id-9 ta' Settembru, u meta l-Banda tagħna fetħet il-Programm tagħha għal din l-okkażjoni fi Pjazza San Giorgio, l-Belt, bl-Innu Nazzjonali Malti, l-folla preżenti nfexxet f'ċapċip kbir u entużjażmu liema bħalu. Wara dan il-Programm l-ewwel wieħed kien dak ta' l-Armistizzju kif kien mgħaruf il-11 ta' Novembru fl-istess sena u li nżamm fil-Pjazza tar-Reġina, fejn ukoll ġie milquh bl-istess entużjażmu.

Il-Kumitat preżenti ħass li fis-sena 1986, egħluq il-ħamsin sena ta' l-okkażjoni li semmejna għanda tiġi mfakkra fuq bażi Nazzjonali, għaliex dan l-Innu għażiż tagħna kull meta jindaqq għandu jgħaqqadna f'familja waħda u f'imħabba għal Art twelidna. Ġie avviċċinat L-Onor. Ministru tal-Affarijiet Barranin u Kultura, u n-Nutar, Alex Sciberras Trigona LL.D. li wara li sema' t-talba tal-Kumitat qabel li għanda sir din it-tifkira u li għanda sir Rħama biex tibqa tidher li ġiet imfakkra għaż-żminijiet li għad iridu jiġu.

Din l-Irħama ġiet mikxufa mill-istess Ministru, fejn wara ġiet imbierka minn Patri Vincenz Portelli O.P. Membru tal-Kumitat, fil-preżenza tal-President tas-Soċjetà s-Sur Imħallef, Joseph Herrera, Kumitat, Patri Marius Zerafa O.P. Direttur tal-Mużew Nazzjonali, u bosta nies li kienu preżenti għal Marċ Popolari ta' Filgħodu lejliet il-Festa ta' San Duminku, tal-Belt nhar is-Sibt 3 ta' Awwisu 1986, fl-istess post fejn indaqq għall-ewwel darba, quddiem fejn illum hemm il-fergħa tal-Bank of Valletta.

**V. Zahra**